**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Maħluf Nru. 1132/21 NC**

**Katarina Visnyovszka**

**vs.**

**Ryan Oliver Cauchi**

Illum it-tmienja (8) ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat illi waqt is-seduta miżmuma fit-3 ta' Marzu 2022 ingħata Digriet li permezz tiegħu ġie ordnat it-tħassir tal-kawża skont l-Artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li ħadd mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom ma dehru għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa tliet darbiet.

Rat illi mit-3 ta' Marzu 2022 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur u f'dan iż-żmien ħadd ma ppreżenta Rikors *ai termini* ta' Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi.

Illi ż-żmien imsemmi f'Artikolu 199 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed li ma jistax jittawwal mill-Qorti, b'dana illi darba jgħaddi dan it-terminu l-kawża ma tistax terġa' tiġi appuntata mill-ġdid tant li kull Digriet li jappunta kawża mill-ġdid wara li jkun laħaq għadda dan it-terminu, huwa meqjus bħala null.[1]

Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija f'Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda ttenni d-Digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2022 dwar it-tħassir tal-kawża, bi spejjeż għall-atturi u fl-istess waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ineħħiha għal kollox minn fuq il-lista tal-kawżi attivi

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[1] Ara **Visa Investments Limited vs. Blye Engineering Company Limited** (23 ta' Novembru 2020 – Qorti tal-Appell); **Nathalie Golovkine Cassar vs. Rita Cassar et** (9 ta' Frar 2022 – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili).